MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 427/1984/1

Avukat Dr. Antoine Cachia ghal Zammit & Cachia Limited; Joseph Cachia u Julian Cachia ghal Antonio Cachia Company Limited; John u Joseph Curmi ghad-ditta John u Joseph Curmi; Peter Mallia ghal Antonio Mallia & Sons Limited u James Calleja ghal Joseph Calleja & Sons Limited - ilkoll ezercenti l-kummerc flimkien bid-ditta “Bulk Fruit Distributors” u ghan-nom ta’ l-istess

vs

Joseph Borg u b’digriet tad-9 ta’ Dicembru, 1993 l-gudizzju gie trasfuz f’isem Doris armla ta’ Joseph Borg, bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti ma’ zewgha, Mary mart Alex Farrugia, Mary mart Victor Mifsud, Alice mart George Bugeja, Rita mart Joseph Schembri, Carmen mart John Bugeja u Paul Borg, ahwa Borg fil-kwalita` taghhom ta’ unici eredi ta’ missierhom, il-konvenut Joseph Borg li miet fil-mori tal-kawza

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha talbu lill-Qorti biex il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija hamsa u tmenin Lira Maltin, sitta u tmenin centezmu (Lm3485.86) prezz ta' banana lilu mibjugha u konsejnata kif jidher dettaljatament mill-kont esebit mac-citazzjoni bhala Dokument A. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 1984 u bl-interessi kummercjali kontra tieghu, imharrek ghas-subizzjoni.

L-atturi iddikjaraw:

1. Illi l-konvenut ha minghand l-atturi kwantita` ta' banana l-ewwel 770 kaxxa mbaghad 210 kaxxa ohra kif jinsab indikat fil-kont anness mac-citazzjoni;

2. Illi l-konvenut baqa' ma hallasx u ghad ghandu jaghti s-somma ta' Lm 3485.86;

3. Illi l-konvenut gie interpellat ghal pagament izda baqa' ma hallasx;

4. Ghalhekk saret il-kawza.

Rat il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

L-atturi ghandhom jaghzlu jekk humiex jiccitaw lill-konvenut f'isem is-socjetajiet minnhom rapprezentati individwalment jew kollettivament ghan-nom tad-ditta "Bulk Fruit Distributors".

Jekk ghan-nom tad-ditta "Bulk Fruit Distributors" jippruvaw skond liema clausola jew statut ghandhom ir-rappresentanza ta' l-istess Ditta.

Illi minghajr pregudizju tal-premess l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut peress li l-banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut ma kenitx skond il-kwalita` u l-ftehim pattwit.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**C. KONTRO-TALBA**

Rat il-kontro talba tal-konvenut ghal fini rikonvenzjonali li biha espona:

Illi l-atturi bieghu u ikkonsenjaw lill-konvenut il-banana msemmija fl-att tac-citazzjoni.

Illi meta din il-banana giet konsenjata lilu l-konvenut sab li ma kenitx tal-kwalita` pattwita peress li f'inqas minn tmint ijiem sfaret u hzienet tant li kellha tigi mormija jew mibjugha bi prezz irrizorju b'danni konsiderevoli.

Illi skond il-kuntratt tal-bejgh ta' din il-banana kellha tkun f'tali kundizzjoni li kellha ssir misjura fil-magazzinagg u tkun *vacuum packed*.

Illi fil-fatt din il-merci la kienet tal-kwalita` pattwita u lanqas *vacuum packed* kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenut talab lill-Qorti:

1) Tiddikjara li l-banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut Joseph Borg ma kenitx tal-kwalita` pattwita u skond il-kundizzjonijiet tal-bejgh stipulati bejn il-kontraenti.

2) Tiddikjara lill-istess atturi responsabbli ghad-danni sofferti mill-istess Joseph Borg konsistenti fit-telf ta' profitt u spejjez ohra.

3) Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk hemm bzonn b'opera ta' periti nominandi.

4) Tikkundanna lill-istess atturi jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez. L-atturi gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**D. NOTA TA' ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO TALBA:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-atturi in risposta ghall-kontro talba tal-konvenut illi biha eccepew:

Illi l-allegazzjonijiet illi l-banana ma kenitx tal-kwalita` pattwita u skond il-kondizzjonijiet tal-bejgh huma nfondati billi ma kien hemm ebda ksur tal-kondizzjonijiet tal-bejgh u l-bejgh sar skond l-uzanza f'dan il-generu ta' negozju. L-atturi m'humiex b'ebda mod responsabbli ghad-danni u t-talbiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi man-nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat li fit-28 ta' April, 1986 gie nominat Dr. Guido Saliba bhala Perit Legali.

Rat li fis-6 ta' Gunju, 1988 Dr. Guido Saliba gie sostitwit b'Dr. Tony DeGaetano bhala Perit Legali.

Rat li fit-23 ta' Settembru, 1998 giet nominata Dr. Nives Grixti bhala Perit Legali.

Rat li fl-20 ta' Frar, 2001 gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali.

Illi fl-10 ta' Mejju, 2004 il-Perit Legali Dr. Mark Chetcutiipprezenta rikors fejn talab li l-atti tal-process fl-ismijiet **Frank Borg *nomine* vs Carmelo Micallef**, Citazz. Numru 197/84NA, tranzatta u ceduta fis-17 ta' Marzu, 2000 jigu allegati fil-process odjern, liema talba ntlaqghet fit-13 ta' Mejju, 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti li fih issema:
"**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Din hi kawza fejn l-atturi qed jirriklamaw hlas ta' €8,119.87 (Lm3485.86) prezz ta' banana mibjugha u konsenjata lil Joseph Borg f'zewg dati skond *invoice* esibita, Dok. A. fil-15 u 17 ta' Dicembru 1984. Ma hemm ebda kontestazzjoni li l-ammont mhux dovut pero` hemm l-eccezzjoni u konsegwenti kontro-talba li l-banana konsenjata ma kenitx tal-kwalita` pattwita, cioe` mhix *vacuum packed* u b'hekk sfaret fi zmien jumejn u ma k`nitx tajba ghal bejgh u kellha tintrema.

Skond bin il-konvenut Paul Borg parti zghira mill-konsenja nbieghet bi prezz irhas u l-maggor parti ntremiet. Anthony Borg li kien shab ma' Joseph Borg xehed li l-banana ntremiet kollha ghax sfaret malajr wisq billi ma gietx *vacuum packed* u kellha tintrema kollha. Qal li ma qal xejn lill-atturi hlief wara li ntremiet. Dan jikkuntrasta ma' dak li xehed Frank Borg li qal li l-konsenja giet *vacuum packed* pero` ma jafx meta hadha l-konvenut kenitx ghadha fl-istess stat. Qal li certi *wholesalers* kienu lmentaw wara li l-banana kienet sfaritilhom.

Il-konvenut qed jilmenta principalment illi l-banana ma kinitx tal-kwalita` pattwita billi ma gietx *vacuum packed* u ghalhekk l-banana ma nghatatx cans issir bil-mod u tinbiegh fil-perjodu ta' xahar, cioe` kull meta kienet tidhol konsenja tal-banana bis-sistema tal-*bulk buying*.

Tali prova li l-konsenja kellha tkun *vacuum packed* mhix sorretta minn ebda prova konkreta. Bin Joseph Borg, ghalkemm ma kienx ghadu involut fin-negozju ta' missieru xehed li xi drabi l-banana kienet tkun *vacuum packed* u xi

drabi ma kenitx. John Mary Calleja wiehed mid-distributuri tal-*Fruit Board* xehed li r-rapprezentant tal-Gvern kien infurmahom li l-konsenja kienet gejja minghand produttur gdid u ma kenitx *vacuum packed*. Zied pero` li meta wasal il-vapur, il-konvenut ma kienx prezenti meta hu qal lil *wholesalers* li gew jigbru l-banana li l-banana ma kenitx *vacuum packed*. Madanakollu zied li ma kienx hemm obbligu tal-*wholesalers* li jixtru l-banana ghalkemm ordnata.

F'dan il-kaz partikolari, ghalkemm jidher li l-konvenut ma marx hu l-port biex jigbor il-konsenja izda gabarhielu l-burdnar, pero` xorta rega' xtara parti ohra mill-istess konsenja jumejn wara kif jirrizulta mill-*invoice* Dok. A. Hu prezunt illi l-konvenut kien gja ra l-istat ta' l-ewwel konsenja, cioe` li semmai ma kinitx *vacuum packed*.

Dawn huma l-fatti saljenti li jirrizultaw mix-xhieda.

In tema legali l-artikolu relevanti tal-Kodici Civili jghid li "jekk haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' pattwita, ix-xerrej jista' jaghzel li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircevi l-haga bi tnaqqis tal-prezz fuq stima peritali" (Art. 1390).

Fil-kontro talba jidher li l-konvenut ghazel l-ewwel triq, cioe` ir-reklam tad-danni, pero` mill-provi ma rrizultax ir-rifjut tal-konsenja anzi l-istess konvenut ha konsenja ohra wara l-ewwel wahda *nonostante* li skond hu, kif qal fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, ma kenitx skond il-ftehim cioe` *vacuum packed* u li altru milli rifjut tal-kunsenja, parti mill-banana nbieghet ghalkemm bi prezz baxx. Dan ukoll hu ammess fin-nota ta' l-eccezzjonijiet.

In tema gurisprudenzjali, il-Qrati taghna sostnew illi "x-xerrej li jircevi l-merkanzija u ma jkunx irid jaccettaha, ghax jidhirlu li mhix tal-kwalita` pattwita u tajba, ma jistax izommha ghandu, jaghmel uzu minnha u wara certu zmien (anke ghaliex imsejjah biex ihallas il-prezz taghha) jippretendi li jirritornaha lill-venditur." (Ara App. Inf. **Alfred Tonna vs Jupiter Company Limited**, 29.05.2009; App. Kumm. **Neg. Frank Borg vs Paul Bondin** 30.06.1947).

Ix-xerrej ghandu dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-ftehim anke meta jkun irceva l-oggett tal-bejgh u dan id-dritt jibqa' jissussisti *"se non perduto per fatto e volonta propria od altro disposto di legge*" (ara **Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd vs Henry Attard *et noe***, 21.04.1997).

Il-kompratur ma jistax bl-azzjoni tieghu stess jippregudika dan id-dritt. L-esponenti jqis illi l-konvenut bil-fatt li zamm il-banana ghalkemm mhix *vacuum packed* u ghalhekk bl-esperjenza li kellu kienet ser issir malajr, u biegh parti minnha flok ghamel car ir-rifjut li jzomm l-oggett mibjugh, irrinunzja ghal kull azzjoni li kellu dritt ghaliha taht l-artikolu 1390. Kif qalet il-Qorti, fl-Appell Civili **William Rizzo *noe* vs Voctor Zammit** (15.12.1997) "wiehed mill-principji li jirregolaw il-materja meta l-merkanzija tkun baqghet f'idejn ix-xerrej, li ma jkunx ikkura ruhu li jiddepozitaha, u li ebda reklam ma jista' jsir jekk mhux *res ad huc integra*."

Ma jistax jinghad li l-banana esperiet immedjatament malli l-konvenut ha l-konsenja taghha izda ghaddew diversi granet fejn il-konvenut kellu l-opportunita` li jizen sew jekk il-konsenja kenitx accettabbli u fin-nuqqas jiddikjara formalment li mhux ser jaccettaha ghax mhix konformi mal-ftehim. Il-konvenut ma ghamel xejn minn dan kollu izda bigh parti u rema l-bqija u stenna li jigi kolpit bl-azzjoni ghall-hlas qabel ma ddikjara li l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita` pattwita.

L-esponenti ghalhekk hu ta' l-opinjoni li l-eccezzjoni u kontro talba tal-konvenut ghandhom jigu michuda u tintlaqa' t-talba tas-socjetajiet attrici *in solidum* bejniethom bhala l-vendituri tal-konsenja ta' banana. Ma ngiebet ebda prova da parti ta' l-atturi oltre *invoice* li huma kienu jifformaw parti minn xi ditta bl-isem *Bulk Fruit Distributors* u l-vendita saret minn tali ditta u mhux minnhom kollettivament. L-*invoice* wahedha li ggib dak l-isem mhix legalment bizzejjed minghajr il-prova li kienet tezisti tali ditta."

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***F1. Fatti tal-kaz:***
Illi din l-istanza hija ghall-hlas tas-somma ta' Lm3485.86 prezz ta' banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut li eccepixxa li l-banana mibjugha ma kenitx tal-kwalita` pattwita u wkoll lanqas skond il-kondizzjonijiet miftehma tant li l-banana kellha tintrema jew tinbigh bi prezz irrizorju. Ghalhekk il-konvenut intavola kontro-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Jinghad li fil-perijodu li giet importata din il-banana kienet giet kreata entita` maghrufa bhala "Taqsima tal-*Bulk Buying* tad-Dipartiment tal-Kummerc" amministrata mill-Gvern fejn l-importazzjoni tal-frott li qabel kienet f'idejn l-importaturi individwalment issa ghaddiet f'idejn din l-entita`. Il-Gvern b'hekk kien jaghmel l-ordni ghal importazzjoni tal-banana u jinforma lill-importaturi li l-banana kienet waslet u giet mixtrija biex dawn jehduha u jbieghuha lil *retailers*.

***F2. Vacuum packed:***
Ma hemmx qbil dwar l-aspett tal-mod kif kellha tigi mwassla l-banana u cioe` jekk hux *vacuum packed* jew mod iehor. Infatti l-konvenut jikkontendi li hija regola fl-importazzjoni tal-banana li din tkun *vacuum packed*. Min-naha l-ohra, l-atturi jinsistu li dan ma kien b'ebda mod inkluz fil-ftehim u li l-banana tant intoghgbot mill-konvenut li addirittura mar jixtri konsenja ohra minghandhom, oltre dak li xtara minghand Frank Borg, li l-atti tal-kawza tieghu kontra Carmelo Micallef gew allegati mal-process odjern. Meta wasal il-vapur, kellu konsenja shiha ta' banana ad eskluzjoni ta' kull frott iehor. Il-banana kienet konsenja wahda, impurtata mill-Gvern, distribwita lil diversi distributuri, ossija l-atturi u ohrajn.

Infatti, l-atturi fin-nota taghhom sostnew li:
"Jekk ma kenitx *vacuum packed*, kif qed jigi allegat u liema fatt kien il-kawza, skond il-konvenut, ghad-deterjorament ta' l-imsemmija banana, ma kenitx lanqas *vacuum packed* dik il-banana li giet importata minn Frank Borg."

Il-konvenut min-naha tieghu sostna li:
F’dan il-kaz il-banana ma kenitx *vacuum packed* u ghalhekk f’qasir zmien thassret u l-esponenti flimkien ma’ ohrajn li kienu xtraw din il-banana rmew jew bieghu din il-banana bi prezz irrizorju u hekk sofrew danni ingenti.”
Issa irrizulta b’mod car li l-banana ma kenitx *vacuum packed*. Filwaqt li l-konvenut isostni li wiehed ma setax jinduna li l-banana ma kenitx *vacuum packed* minhabba li l-plastik ikun l-istess, xorta wahda l-Qorti thoss li persuna li tidhol ghal xiri ta’ kwantitajiet ta’ banana kienet taf x’qed tixtri u x’verifiki kellha taghmel, u jekk il-banana ma toghgobhiex, kellha tiehu hsieb li ma tixtrix aktar u li dwar dak li xtrat tiehu l-mizuri opportuni. Inoltre jinghad li l-banana l-hadra dejjem iddum xahar qabel ma tisfar.

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li ma saret ebda prova li l-banana kellha tkun *vacuum packed*. Ukoll, kien obbligu tal-konvenut li jaghmel il-verifiki necessarji u mhux semplicement jibghat il-burnar biex jirtira l-banana mill-vapur. L-istess konvenut xtara parti ohra jumejn wara.

Hu interessanti ferm dak li jghid l-artikolu 1390 tal-Kap 16:
**“1390.** Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.”

Minn imkien mill-process ma jirrizulta li l-konvenut irrifjuta l-banana u li talab id-danni jew li ried jirceviha bi prezz anqas fi zmien ta’ meta saret ix-xirja, izda kien biss meta gie mitlub li jhallas li ibbaza r-risposti tieghu fuq li l-banana kienet difettuza u fejn ghamel il-kontro talbiet tieghu. Infatti kien fil-kontro talba fejn il-konvenut talab id-danni, izda ma saret ebda prova li l-konsenja giet rifjutata. Jinghad ukoll li l-konvenut addirittura ha konsenja ohra. U kif jista’ allura wiehed jghid li sab il-banana konsenjata difettuza meta ghazel li jmur jixtri aktar minnha!

Ma jistax il-konvenut jaghmel uzu minn dak li xtara u wara certu zmien (anke ghaliex imsejjah biex ihallas il-prezz taghha) jippretendi li jirritornaha lill-venditur. (Ara App. Inf.

**Alfred Tonna vs Jupiter Company Limited**, 29.05.2009; App. Kumm. **Neg. Frank Borg vs Paul Bondin** 30.06.1947).

Fil-fatt il-konvenut zamm il-banana ghalkemm iddikjara li mhux *vacuum packed* u bigh parti minnha, skond ma qal hu stess, u b'ebda mod ma irritornaha. Jekk merkanzija tibqa' f'idejn il-kumpratur li ma jkunx ghazel li jiddepozita l-merkanzija, ghandu l-obbligu li jhallas kollox.

Il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet u evalwazzjonijiet maghmula mill-Perit Legali.

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tqis li ma saret ebda prova li l-banana konsenjata ma kenitx tal-kwalita` pattwita u li ma kien hemm ebda ksur ta' kundizzjonijiet tal-bejgh.

Tiddikjara li konsegwentement ma irrizultat ebda responsabbilta` ta' l-atturi ghal xi danni fil-konfront tal-konvenut u li naturalment ma hemm lok ghal ebda likwidazzjoni ta' danni jew kundanna ghall-hlas taghhom.

Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' €8,119.87 prezz ta' banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------